# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Guramentat Numru:- 382/2022 JVC**

**Marcus Scicluna Marshall (K.I. Nru. 617564M) u Romina Scicluna Marshall (K.I. Nru. 617664M)**

**vs**

**Saviour Attard (K.I. 1040244M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Marcus u Romina Scicluna Marshall li talbu kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond konsistenti f'appartament, internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru tnejn u ghoxrin (22) fi Triq il-Foss, Vittoriosa;

2. Illi snin ilu, l-intimat abbuzivament, illegalment u bi vjolenza sgassa l-access ghall-fond imsemmi hawn fuq u beda jokkupa l-istess fond, wahdu u/jew flimkien ma' terzi, minghajr ebda titolu;

3. Illi permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' April, 2008, kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. '**A**', l-intimat kien intrabat *inter alia*, favur l-awtur tar-rikorrenti li jirrilaxxja l-istess fond bhala liberu u vojt f'idejn is-sid;

4. Illi minkejja l-obbligi assunti mill-intimat permezz ta' dik l-iskrittura privata, li permezz taghha sahansitra rcieva l-ekwivalenti ta' €3,255.58, f'liri Maltin, l-intimat baqa' jew rega' beda jokkupa l-istess fond, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

5. Illi r-rikorrenti ghandhom interess li jirriprendu l-pussess effettiv tal-fond in kwistjoni u ghalhekk qeghdin jaghmlu dan ir-rikors guramentat;

6. Illi fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ta' sgumbrament.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ighid l-intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi dan ir-rikors guramentat bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi l-intimat m'ghandu l-ebda titolu validu relattivament ghall-fond konsistenti f'appartament, internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru tnejn u ghoxrin (22) fi Triq il-Foss, Vittoriosa.

3. Tordna lill-intimat jizgombra mill-fond in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti, kontra l-intimat, inkluza azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrenti minhabba l-agir illegali tal-intimat u bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat id-dokument anness u cioe' skrittura privata datata 16 ta' April, 2008 li fiha l-intimat Saviour Attard jirrizulta li rrinunzja ghal kull dritt ta' lokazzjoni fuq il-fond indikat, Appartament numru tlieta (3), blokka bin-numru tnejn u ghoxrin (22) fi Triq il-Foss, Vittoriosa u dan sa mis-16 ta' April 2008;

Rat li l-intimat Saviour Attard f'dawn il-proceduri, debitament notifikat naqas milli jattendi u gie dikjarat kontumaci minn din il-Qorti fil-verbal tallum stess;

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent Marcus Scicluna Marshall li kkonferma li l-fond in kwistjoni llum huwa proprjeta' tieghu u tar-rikorrenti l-ohra ohtu Romina Scicluna Marshall;

Illi stante li jirrizulta lill-Qorti illi l-fond in kwistjoni huwa proprjeta' tar-rikorrenti, in vista wkoll tan-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-intimat ghjat-talbiet rikorrent u stante li mid-dokument u cioe' l-iskrittura privata datata 16 ta' April 2008 jirrizulta li l-intimat llum zgur ma' ghandu l-ebda titolu validu fil-Ligi fuq il-fond in kwistjoni, il-Qorti se tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-intimat Saviour Attard m'ghandu l-ebda titolu validu relattivament ghall-fond konsistenti f'appartament, internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru tnejn u ghoxrin (22) fi Triq il-Foss, Vittoriosa;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat jizgombra mill-fond in kwistjoni fi zmien xahar minn meta din id-decizjoni ssir *res judicata*.

Bir-riservi u l-ispejjez kif mitluba.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**4 ta' Ottubru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Ottubru 2022**